MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2010

Numru. 487/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Andre Apap, bin Laurence u Bernardette née Cutajar, imwieled fil-25 ta’ April, 1989 u residenti Harmony, Triq Guze Cremona, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita’ numru 22789(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Andre Apap li gie akkuzat talli nhar il-31.05.2008 ghal habta ta’ 02:45hrs fi Triq tal-Ghajn, Fontana, Triq ix-Xlendi, Munxar kif ukoll fix-Xlendi limiti tal-Munxar, Ghawdex:-

1. saq vettura RBA 324 tal-ghamla Kia Avella b'manjiera traskurata u perikoluza;
2. u aktar talli fl-istess cirkostanzi saq l-istess vettura meta ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;
3. aktar talli saq l-imsemmija vettura meta ma kellux licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita tat-Transport ta' Malta.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi d-difiza f'din il-kawza qed tikkontendi illi l-gurnata meta sehh dana l-incident gie indikat hazin fl-akkuza billi dana l-kaz sehh fil-lejl ta' bejn il-gurnata tas-Sibt u l-Hadd u mhux fil-31 ta' Mejju 2008 li hu l-lejl ta' bejn il-Gimgha u s-Sibt;

Illi ghalhekk hemm dubbju dettat mir-raguni dwar jekk il-fatti ta' dan il-kaz sehhewx fil-gurnata tal-31 ta' Mejju 2008 jew gurnata wara;

Il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba bil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------